MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 456/2003

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Romeo Farrugia abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Romeo Farrugia**

**Vs**

**Carmel Muscat**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talbiet tas-socjeta' attrici nomine et ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef hames mija u tlettax-il Lira Maltin (Lm4513.00,0), in kwantu ghal-ammont ta' erbat elef erba' mija u tmienja u

tletin Lira Maltin (Lm4438.00) jew somma ohra verjuri lis-socjeta attrici Fogg Insurance Agencies Limited, ammont rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur assigurat taghha Romeo Farrugia, u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici, u in kwantu ghas-somma ta' hamsa u sebghin Lira Maltin (Lm75.00) lill-attur Romeo Farrugia ammont rapprezentanti excess payment minnu mhallas, liema danni gew sofferti bhala risultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fil-13 ta' Lulju 2003 ghall-habta ta' 1.30pm gewwa Triq id-Dejma,. Tarxien, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FUL 001 proprjeta ta' l-attur Romeo Farrugia, misjuqa minn Renald Farrugia u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni IBG 097, liema incident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tat-traffku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' 12 ta' Awissu, 2003 ta' l-ittra ufficjali li intbaghtet ma' l-avviz lis-socjeta' Elmo Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, u tal-Mandati kawtelatorji illi gew pprezentati ma' l-avviz, u bl-interessi legali, mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali tat-12 ta' Awissu 2003, sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici nomine et sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fl-4 ta' Novembru 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici kif dedotti mill-istess avviz u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici nomine s-somma ta' Lm4438.00,0 u lill-attur Romeo Farrugia, is-somma ta‘ Lm75.00,0 b'kollox Lm4513.00,0 bl-interessi legali mid-data ta' notifika tal-ittra ufficjali tat-

12 ta’ Awissu 2003, imsemmija fl-avviz, sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tat-12 ta’ Awissu 2003 u tas-16 ta’ Settembru 2003 u tal-mandati kawtellatorji imsemmijin fl-istess avviz u presentati fis-16 ta’ Settembru 2003.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------